MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 16/2009

Kawza fil-lista: 24

**B *sive* B C**
**vs**
**D E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet zzewwgu fid-9 ta' Mejju 1992; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; li ghalhekk iz-zwieg huwa null, anke minhabba "ragunijet ohra kontemplati fl-Att Dwar Iz-Zwieg [Kap.255] iz-zwieg bejn il-kontendenti " huwa null fil-ligi; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null dan iz-zwieg, u li din in-nullita' tigi debitament registrata fl-att relattiv; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tad-difensuri;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta' Mejju 1992 huwa null fil-ligi minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu precitat.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Malti ta' 19-il sena, izzewwg lill-konvenuta, cittadina skocciza ta' 22 sena, fid-9 ta' Mejju 1992, wara li kienu ilhom johorgu fl-imkien f' intervalli qosra ta' ftit xhur. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-26 ta' Marzu 1995. Wara konvivenza matrimonjali turbulenti, il-partijiet isseparaw de facto.

Illi f' dan il-kaz iddepona biss l-attur, filwaqt li l-konvenuta, li qed tghix barra minn Malta, la xehedet u lanqas prezentat affidavit.

Illi l-attur jghid li hu kien iltaqa' mal-konvenuta, fis-sena 1990, meta kienet Malta vakanza ta' gimgha, gewwa nightclub. Bdew johorgu flimkien u jiehdu pjacir flimkien, fil-fatt anke f'dak il-perijodu hekk qasir kienu jaghmlu l-att taz-zwieg bil-prekawzzjoni.

Sussegwentement il-konvenuta marret lura lejn l-Iskozja, izda baqghu f' kuntatt; u f' Gunju ta' l-istess sena nformatu hi kellha tifel ta' circa hames snin minn relazzjoni ohra, u li kienet qed trabbieh wahedha.

F' Settembru, il-konvenuta regghet giet Malta ghal gimghatejn, u l-partijiet regghu ltaqghu u din id-darba il-

konvenuta ipproponiet li huma jikkoabitaw flimkien f' Malta; izda peress li hi ma setghetx tghix Malta jekk mhux fi stat taz-zwieg, hi eventwalment ipproponiet li jizzewwgu.

L-attur jghid li hu kien kuntent maghha u kien jaraha qisha "anglu" u ghalhekk accettaha, anke ghax accertatu li huwa seta'jkompli jghix il-hajja ta' guvni kif kien qed jghix dak iz-zmien. Jghid ukoll li Malta kienet toghgobha hafna lill-konvenuta. Eventwalment izzewwgu f' Mejju tas-sena ta' wara.

Wara z-zwieg il-problemi bdew mill-ewwel. L-attur jghid li wara z-zwieg l-attenzjoni tal-konvenuta kienet iffokata biss fuq it-tifel li kellha, u hu kien qed ihossu eskluz; inoltre, sar jaf li hi kienet tabbuza mill-alkohol u meta tixrob kienet tisker u tkun inkontrollabbli; bdew jiffaccjaw problemi finanzjarji minhabba d-dejn tad-dar, u kienu jillitigaw hafna minhabba li l-konvenuta ma kienitx kapaci ggemma' biex jithallas id-dejn.

Barra minn hekk jghid: "Il-commitments tal-familja, bdiet iddejjaqni l-bicca tax-xoghol tat-tifel kif inhu, u li mhux tieghi. Hi tbiddlet ukoll, hbieb qisha ma riditnix inkompli mal-hbieb, li ma ttihiex tort fl-istess hin, izda d-diskors ma kienx hekk."[1]

L-attur jispjega li, wara sena miz-zwieg, kienu diga' emozzjonalment mifrudin, u hu kellu l-hsieb li jissepara, izda fis-sena 1994 il-konvenuta harget bi tqala mhux ippjanata, u t-tnejn li huma haduha hazin, izda ghal gid tat-tarbija li kienet ser titwieled iddecidew li jergghu jipprovaw jibnu relazzjoni bejniethom. Ghalhekk marru jghixu hajja gdida l-Ingilterra. Izda s-sitwazzjoni hemmhekk aggravat, anke minhabba l-inkwiet li kellhom rigward it-tifel tal-konvenuta.

L-attur jispjega li f'dak l-istadju, minhabba l-multa li kienu soggetti ghaliha minhabba l-*home loan* huma ftehmu li jaghmlu flimkien il-kumplament tal-hames snin. Izda ma rnexxielhomx, u l-partjiiet nizlu Malta, bir-rizutlat li tilfu

[1] Fol.79

mal-£20,000. Meta gew Malta, is-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora bi "glied, glied fuq it-tifel, glied fuq il-flus."[2] sakemm fl-ahhar isseparaw *de facto* billi l-attur telaq mid-dar konjugali. Eventwalment il-konvenuta marret lura l-Ingilterra, filwaqt li hu baqa' Malta jghix m'ommu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, u dan, fil-konfront taz-zewg partijiet.

Min-naha ta' l-attur il-provi juru li dan kien immatur wisq biex jizzewweg ta' dik l-eta' u bl-assikurazzjoni da parti tal-konvenuta li hajtu ma kienitx ser tinbidel daqshekk wara z-zwieg. Fil-fatt hu stess jghid li wara z-zwieg il-*commitment* beda jdejjqu. Dan kien ra iz-zwieg bhala avventura ma' tfajla li kien jiehu gost maghha. Huwa ma apprezzax l-import tal-hajja mizzewwga tieghu mal-konvenuta li diga' kellha tifel ta' hames snin minn relazzjoni ohra.

Min-naha tal-konvenuta, il-Qorti thoss li anke din ma gharrfitx bizzejjed l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li bdiet tiffoka l-attenzjoni taghha fuq it-tifel taghha, a skapitu tar-relazzjoni taghha ma' zewgha.

Il-Qorti tosserva li, sforz l-immaturita' taghhom, il-partijiet ma gharrfux l-import tal-konvivenza matrimonjali, u mill-problemi li bdew jirriskontraw mill-bidunett taz-zwieg, u l-inkapacita' taghhom li jsolvuhom, johrog car li, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet kienu nkapaci li jistabbilixxu bejniethom dik l-unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-*benessere* reciproku; u dan kien ta ostakolu serju sabiex il-partijiet jirnexxilhom jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba. Anke il-fatt stess li, nonostante li s-sitwazzjoni matrimonjali ta' bejniethom kienet hazina kwazi mill-bidunett, huma xorta wahda kellhom relazzjonijiet intimi li waslu ghal tqala mhux pjanata u <u>mhux desiderata</u>, huwa evidenza ta' immaturita' kbira da parti taghhom.

---
[2] Fol.87

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti tosserva li, gjaladarba n-nullita’ mhijiex dovuta biss ghall-konvenuta, izda anke ghall-attur, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Mejju 1992.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------